MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 93/2007

Antonio sive Anthony Emanuel Joseph Attard

Vs

Direttur tar-Registru Pubbliku.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-10 ta' Settembru 2007 li permezz tieghu l-attur ippremetta li:-

L-attur dejjem kiteb ismu Anthony, u ismu shih Anthony Emanuel Joseph hekk kif jista' jigi dedott minn diversi dokumenti ta' identifikazzjoni fosthom ic-certifikat tal-maghmudija u d-dokument tal-Passaport Malti.

Ic-certifikat tat-twelid kif registrat fir-Registru Pubbliku b'registrazzjoni numru 617/42 juri isem l-attur miktub

bhala Antonio minflok Anthony u ismu shih bhala Antonio Giuseppe Emanuele minflok Anthony Emanuel Joseph.

L-attur jixtieq jikkoregi dan l-izball billi ismu ikun jinkiteb bl-istess mod f'kull dokument pubbliku u dan peress illi qeghdin jinholqu inkongruwenzi meta giet bintu biex tipproduci dan ic-certifikat tat-twelid ta' missierha biex johrogilha passaport.

Ghalhekk l-attur talab lill-Qorti sabiex:-

1. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid numru 617/42 skond il-provvediment tal-artklu 253 tal-Kodici Civili, sabiex isem shih tal-attur hekk kif elenkat fil-hames kolonna mmarkata ismijiet moghtija, jinkiteb Anthony Emanuel Joseph u l-isem indikat fis-sitt kolonna jinbidel minn Antonio u jigi registrat bhala Anthony.
2. Tordna ili l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv tal-attur, jekk ikun il-kaz u dan skond l-artiklu 253(3) tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut fit-12 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha ecepixxa li:-

1. Mhuwiex qieghed jopponi ruhu ghat-talba tal-attur u ghalhekk qieghed jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.
2. Rigward it-tieni talba, ir-Registru Pubbliku ma jistax iwettaq bdil fl-att civili sakemm ma jkollux in-numri tal-att, is-sena relattivi taghhom u l-kolonni li fih irid isir il-bidla, liema atti jridu jkunu ndikati mill-attur fit-talba tiegh ai termini tal-Artikolu 253(3).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Minn qari tar-risposta guramentata prezentata mill-konvenut hu evidenti li m'hemmx opposizzjoni ghall-ewwel talba tal-attur.

2. Mill-atti jirrizulta li l-ewwel talba tal-attur hi gustifikata in kwantu l-provi m'humiex kontradetti. Jidher li l-attur kien maghruf u msejha bl-isem "Anthony" u "Anthony Emanuel Joseph".

3. Dwar it-tieni talba ghandu ragun il-konvenut. L-attur naqas milli jindika n-numri ta' dawk l-atti fejn ismu hu mnizzel hazin u ghalhekk naqas milli jottempera ruhu ma' dak li jiddisponi l-Artikolu 253(3) tal-Kodici Civili. Ghalhekk din it-talba ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tordna korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur (numru 617/42) fis-sens li l-isem shih tal-attur hekk kif elenkat fil-hames kolonna mmarkata *ismijiet moghtija*, jinkiteb Anthony Emanuel Joseph u l-isem indikat fis-sitt kolonna jinbidel minn Antonio u jigi registrat bhala Anthony.

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-tieni talba ta' l-attur.

Fl-ahharnett tordna lir-Registratur sabiex tibghat kopja legali tas-sentenza lill-konvenut fit-terminu stipulat fl-Artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex tkun tista' ssir il-korrezzjoni mitluba.

Spejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------